*Laqgħa Urgenti tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 29*

***5.00p.m 22 t'April, 2021***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

## *Assenti b'apoloġija*

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *29.1 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni tal-Oil Cleaning Facility fil-Marsa*

29.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ta' rendikont tal-avventiment kollha li ġraw matul il-bidu tal-gimgħa. Kollox beda' meta s-Sindku u l-Kunsill ġew mitluba jkollhom laqgħa mall-Onorevoli Ian Borg, li matul din il-laqgħa sar magħruf li r-Rikasoli Tank Cleaning Facility ser jiġi rilokat fil-Marsa. Fl-istess ġurnata kien qed jiltaqa' il-Kumitat Parlamenti fejn propju din il-kwistjoni ġiet imressqa. Kien hemm qbil unanimu fost dawk preżenti sew min naħa tal-Gvern kif ukoll min naħa tal-Oppożizzjoni li din ir-rilokazzjoni għandha sseħħ. Is-Sindku kkonferma li huwa ma kien qatt jaf b'xejn u la huwa u lanqas il-Kunsill qatt ma ġew mgħarrfa li kien hemm dawn il-pjanijiet. Wara dawn il-laqgħat saru diversi laqgħat oħra mad-Deputati tad-Distrett li huma l-Onorevoli Jose' Herrera, l-Onorevoli Aaron Farrugia u l-Onorevoli Deo Debattista. Is-Sindku stqarr li meta mar għall-dawn il-laqgħat huwa dejjem sabbat saqajħ li le dan il-proġett qatt ma għandhu jiġi l-Marsa u ser jibqa jemmen li verament qatt ma jista' jiġi dan il-proġett il-Marsa. Madankollu, matul dawn il-ġranet sar jemmen li hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel proċess ta' djalogu fejn niġġieldu għall-kumpens tar-residenti. Dan il-kumens jista' jkun per eżempju fond għal double glazing għar-residenti, it-tisbiħ ta' Ġnien Spencer li huwa xogħol li sall-lum għadu qatt ma nbeda', it-tisbiħ tas-soft area fi Triq il-Ħaddiem, iż-żona tat-tug boats tinfetaħ għan-nies, slipway li għad trid issir, u li tiġi rranġata l-promenade. B'hekk is-Sindku jemmen li l-Kunsill filwaqt li jrid ikompli jopponi dan il-proġett irid jibqa f'proċess ta' djalogu mall-entitajiet ikkonċernati.

29.1.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Jopeph Scerri qal li huwa kien u dejjem ser ikun kontra dan l-operat u l-fatti huma hemm li l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat u li kien hemm qbil unanimu fil-Parlament miż-żewġ naħat tal-Kamra. Huwa staqsa min ser ikun qed jilef jekk wieħed jirriżżenja, hekk kif il-problema xorta ser tibqa f'ħoġorna. Huwa saħaq li jaqbel mas-Sindku li hemm bżonn li jkun hemm masterplan ħolistiku u li l-Kunsill għandhu bżonn iressaq proposti alternattivi u jkompli d-diskussjonijiet mall-Gvern. Il-Viċi Sindku semma li fost diversi affarijiet li huma ferm importanti huwa li l-bastimenti jibqgħu fuq barra u ma jitħallewx jidħlu l-Menqa. Il-Viċi Sindku qed jitlob li jsir rapport professjonali mill-Kunsill Lokali min esperti fil-qasam sabiex jiggwida l-Kunsill x'inhuma l-impatti tat-tniġġiż tossiku tal-impjant u x'miżuri jridu jittieħdu.

29.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill irid joqgħod attent x'messaġġ qed jingħata hemm barra. Huwa saħaq li l-Kunsill ma jistgħax jċedi l-armi f'din is-sitwazzjoni hekk kif dan l-impjant huwa wieħed perikoluż li jarmi ħafna kimiċi tossiċi fl-ambjent ta' madwarna. Il-Kunsillier staqsa liema restaurant fl-akwata ser jinvesti f'post b'dan il-livell ta' tniġġiż u li l-Kunsill permezz ta' dan il-proġet ser ikollu jabbanduna l-viżjoni ta' yatch marina fl-akwata. Huwa qal x'valur jekk ikollok Ġnien Spencer mill-isbaħ imma ħadd ma jkun jixtieq imur fiħ minħabba l-irwejjaħ li jkun hemm. Il-Kunsillier qal li l-kumpanija diġa' għamlet in-negozjati tagħha mall-

Gvern u l-Kunsill għandhu b'saħħa kbira joġġezzjona għal dan il-proġett fejn qed turi li l-Menqa tal-Marsa qatt ma ġiet stmata. Huwa qal li l-Kunsill għandhu jipprotesta mhux kontra l-partiti u l-politiċi, mma kontra d-deċiżjonijiet ħżiena li ttieħdu. Dak li huwa tal-Marsa għandhu jibqa tal-Marsa għaliex l-għajta tal-Gvern kienet li din tkun offshore u hekk għandhu jkun. Fi żmien meta l-pajjiż kollu qed jaqleb għal arja iktar nadifa mill-heavy fuel oil, l-Kunsill ikun verament u bis-serjeta' qed jitlef kollox jekk dan it-trasferiment iseħħ.

29.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li attwalment diġa' l-Marsa għandha problemi serji dwar l-irwejjaħ fil-lokalita', aħseb u ara l-paniku li ser jinħoloq meta ser ikunu qed inżidu fuq dawn l-irwejjaħ. Huwa saħaq li l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat u li huwa ħa ġurament ta' Kunsillier favur ir-resident. Il-Kunsillier saħaq li r-riġenerazzjoni tal-Marsa tibda' billi telimina dak li huwa ħażin u mhux iżżid fuq il-ħażin. Dwar il-kwistjoni tal-vapuri li jidħlu fil-Menqa ta' min jgħid li l-operatur ġie mogħti drittijiet prijoritaji biex jagħmel il-bastimenti fil-Menqa. Apparti l-ħsara ambjentali fl-akwata l-propjetajiet tan-nies fil-lokalita' ser jieħdu daqqa kbira. B'hekk il-Kunsillier ser dejjem ikun kontra dan il-proġett għaliex fl-aħħar mill-aħħar l-vot tan-nies kien li l-Menqa tal-Marsa tiġi rriġġenerata.

29.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li skond l-informazzjoni li għandhu l-Membri Parlamentari tad-distrett ma kienux preżenti fid-deċiżjoni tal-Kumitat Parlamentari u apparti hekk il-Kunsill għandhu jibqa jisħaq li aħna konna u ser nibqgħu nitkellmu kontra dan il-proġett. Id-diskors tpoġġa ħażin fuq il-midja soċjali min Parlamentari rresponsabbli li qgħad jiftaħar li dan il-proġett li kien t'inkonvenjent għan-nies tal-Kottonera ser jitlaq min hemm. Il-Kunsillier qal wkoll li l-impjant il-ġdid li ser jieħu post l-MOBC ser ikun immoderniżżat u t-tankers il-kbar ser ikunu qed jitnaddfu barra mill-port. B'hekk filwaqt li xorta huwa ser jibqa kontra l-proġett jista' jkun hemm ħafna x'jiġi nnegozjat bħal per eżempju l-pipeline li jgħaddi min Ras Ħanżir, jew li l-operatur juża biss t-tankiijiet eżistenti u ma jżidx għal dak li hemm fuqhom. Hemm studji li dan il-proġett jista' jmur postijiet oħra u anke offshore u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jressaq dawn il-proposti. Il-Kunsillier qal ukoll li jrid ikun hemm kuntratt bil-miktub li fost affarijiet oħra jinkludi Environmental Impact Assessment, u ftehim fejn isir monitoraġġ kontinwu tas-sitwazzjoni biex jiġi assigurat li l-livelli ta' gass ma jeċċedux il-livelli sanitarji. Apparti kollox il-Kunsillier saħaq li sakemm isir dan il-proċess ta' rilokazzjoni matul l-istess żmien irid jiġi varat il-proġett tal-Menqa, ingħataw it-tenders u x-xogħol ikun mibdi biex b'hekk ikun hemm it-tibdil tanġibbli.

29.1.6 Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li aktar ma taqra dwar dan il-proġett iktar tinsab irrabjata li ħadd ma oġġezzjona għaliħ. Fuq livell personali dan jiddisjaċiha ferm hekk kif diġa' għandha tnejn mit-tfal tagħha li għandhom il-problema tal-azma u ma tixtieqx li ikun hawn aktar persuni li jgħaddu mill-istess problemi. Hija saħħqet li temmen fl-irġulija u li tirrappreżenta lin-nies tal-Marsa u li għalhekk dejjem ser tkun kontra dan il-proġett.

29.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia qal li dak li mhux tajjeb għall-Kalkara mhux tajjeb għall-Marsa ukoll. Huwa qal wkoll li l-Kunsill irid jopponi dan il-proġett għaliex kienet verament deċiżjoni ħażina u nitolbu x'nistgħu nagħmlu.

29.1.8 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rringrazzja l-kontribut ta' dawk kollha preżenti u deher biċ-ċar li l-Kunsill kollu huwa kontra dan il-proġett u li ser ikunu kontriħ mhux biss issa imma anke

fil-futur il-Kunsill ser ikun kontra dan il-proġett dejjem u bla riservi. Madankollu qiegħed jinnota fid-diskussjoni li hemm żewġ diverġenzi, waħda li minkejja d-disapprovazzjoni tal-Kunsill għall-dan il-proġett, il-Kunsill xorta irid jsib id-djalogu sabiex nnegozjaw mall-Gvern l-alternattivi li hemm għal dan il-proġett. Min naħa l-oħra hemm oħrajn li peress li dan il-proġett ġie nnegozjat mingħajr l-għarfien tal-Kunsill, allura ma jistgħax ikun hemm negozjati iktar. Il-pass li jmiss għalhekk għall-Kunsill huwa nsibu dan il-kunsens.

29.1.9 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kien disappuntat li l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat qabel fuq materja daqshekk importanti u fejn m'hemm l-ebda studji fir-rigward. Apparti hekk hemm bżonn li l-Kunsill jibqa' jisħaq li dan imur offshore kif kien ġie mwiegħed. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm nuqqas kbir ta' informazzjoni u hemm bżonn li tingħata din l-informazzjoni sabiex nieħdu d-deċiżjonijiet. Dan is-sentiment kien komuni ma dak tal-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono saħaq li la darba l-impjant jkun hemm ħadd m'huwa ser inneħħih fil-futur u hemm bżonn li l-Kunsill jisħaq li dan il-proġett jibqa offshore. Il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li l-Kunsill għandhu jkun magħqud mar-residenti sabiex il-Marsa tkun verament stmata. Wara diskussjoni fost dawk preżenti finalment ġiet mressqa l-mozzjoni.

29.1.10 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq il-mozzjoni, li ġiet ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri. Il-mozzjoni hija din;

Wara li l-Kunsill Lokali tal-Marsa ġie mgħarraf mill-midja u qatt ma kien ikkonsultat u wara li saru diversi laqgħat matul din il-ġimgħa, f'laqgħa urġenti li saret illum il-Ħamis 22 ta' April 2021, il-Kunsill Lokali tal-Marsa f'diskussjoni intensiva, qabel li jibqa' joġġezzjona bil-qawwa kollha t-trasferiment tal-operat tar-Ricasoli Oil Facility lejn il-Marsa, minkejja l-qbil bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni. Għalhekk il-Kunsill lest ikompli jisma' u jressaq il-proposti tiegħu kif indikati fil-programm elettorali tal-Kunsill, fl-aqwa nteress tar-residenti u l-ħaddiema li jaħdmu fil-viċinanzi u tal-lokal kollu tal-Marsa li aħna nirrapreżentaw.

Il-Vot favur din il-mozzjoni kien unanimu.

## *29.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

29.2.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.30p.m u ġiet aġġornata għas-6 ta' Mejju fit-5.30pm online kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |